MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Talba Numru. 819/2011

**MTA Company Limited**
**C-30349**

**vs**

**Bank of Valletta plc**
**C-2833**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u sitta u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (€2,086.61c), inkluz Taxxa fuq il-Valur Mizjud, rapprezentanti din is-somma bilanc ta' prezz dovut fuq bejgh u provvista ta' materjal ta' kartolerija skond ir-rendikont datata 25 ta' Gunju, 2011 (relattiv ghall-fatturi bin-numri: 18797, 19547) u kif ukoll imghax diga' dekors fuq l-imsemmi bilanc.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-ewwelnett u qabel kollox, is-socjeta' konvenuta teccepixxi li l-ammont ta' elf, seba' mija u disgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€1,799.90c) reklamat fl-*invoice* numru 19547 mhux dovut stante illi mhux minnu li sar il-bejgh indikat fl-istess *invoice* u invece, tali konsenja inghata lill-bank *free of charge* fuq fazi sperimentali kif ahjar jirizulta mill-*email* mibghuta mill-istess socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u markata Dokument "BOV01". Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, is-somma reklamata kontra l-*invoice* numru 18797 ma hijiex dovuta stante li din is-somma tirraprezenta bilanc li kellu jigi pacut permezz ta' *credit note* ghal ritorn ta' *envelopes* difettuzi konsenjati mill-istess socjeta' attrici. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba tinkludi imghaxijiet mhux dovuti. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' tmintax (18) –il xahar ai termini tal-Artikolu 2148(B) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-ligijiet).

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' konvenuta ddikjarat illi ghalkemm giet sollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, ghandhom jinstemghu l-provi fuq kollox, inkluz il-mertu, u ghalhekk tinghata decizjoni wahda.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' elfejn sitta

u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (€2,086.61c), liema ammont jirraprezenta in kwantu ghal erbgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€94.65c) bilanc fuq fattura numru 18797, u in kwantu ghal elf seba' mija disgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€1,799.99c) il-valur tal-fattura numru 19547, oltre xi imghax mizjud fuq dawn l-ammonti. Illi sal-ahhar tal-2009, is-socjeta' attrici kellha relazzjoni kummercjali mas-socjeta' konvenuta, fejn is-socjeta' attrici kienet, fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tordna u tikkonsenja *envelopes* lill-istess socjeta' konvenuta. Illi tali ordni kienet issir ghal miljun *envelope* fis-sena, u dan fuq kampjun li kien jigi approvat minn ufficjali fi hdan is-socjeta' konvenuta, b'dan illi s-socjeta' attrici kienet tikkonsenja tali *envelopes* lis-socjeta' konvenuta *f'batches* ta' mitt elf *envelope*, liema konsenja kienet issir fuq semplici rikjesta ta' ufficjal fi hdan is-socjeta' konvenuta.

Illi tali envelopes kienu jigu manifatturati barra minn Malta, u kienu jigu kkonsenjati lis-socjeta' attrici – li kienet taghmel l-ordni – u dawn kienu jigu kkonsenjati perjodikament lis-socjeta' konvenuta fuq rikjesta taghha, li kienet tinforma lis-socjeta' attrici meta tkun bzonn konsenja ohra ta' mitt elf envelope. Illi tali *envelopes* kienu jigu kkonsenjati f'kaxxi ta' hames mitt *envelope* f'kull kaxxa.

Illi l-fattura bin-numru 18797, li dwarha fadal bilanc dovut ta' erbgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€94.65c), dan l-ammont jirraprezenta l-prezz ta' erbat elef *envelope*. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi kien hemm konsenja ta' *envelopes* illi dwarha kien hemm problema ta' kompatibbilita' mal-*automailing machines* tas-socjeta' konvenuta, u li b'konsegwenza ta' dan bdew jehlu l-*envelopes* u jitqattghu. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta rritornat lura diversi minn dawn l-envelopes, u filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi gew ritornati erbgha u ghoxrin elf envelope, is-socjeta' attrici tikkontendi li gew ritornati ghoxrin elf *envelope*. Illi ghalhekk, is-socjeta' attrici harget *credit note* a favur tas-socjeta' konvenuta ghal dak li huwa l-valur ta' ghoxrin elf *envelope*, izda qed tippretendi l-hlas tal-valur tal-erbat elef

*envelope*, li l-prezz taghhom huwa l-bilanc indikat f'din il-fattura.

Illi dwar il-fattura bin-numru ta' referenza 19547, din tirraprezenta l-valur ta' konsenja ta' mitt elf *envelope* li s-socjeta' attrici kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta f'Marzu 2009, liema konsenja kienet differenti minn tas-soltu f'dak li jirrigwarda l-karatteristici tal-*envelopes* li gew ikkonsenjati. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici jsostni illi ghalkemm din il-konsenja ta' *envelopes* kienet differenti minn dawk ordnati mis-socjeta' konvenuta, in kwantu kellhom karatteristici differenti, madanakollu, dawn kienu intizi sabiex is-socjeta' konvenuta tipprovahom u tivverifika jekk kienux kompatibbli mal-*automailing machines* taghhom, b'tali mod illi kemm-il darba jirrizulta li fil-fatt huma kompatibbli, allura s-socjeta' attrici tkun tista' tibda tordna minn dawn l-*envelopes* ghas-socjeta' konvenuta. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi dawn il-mitt elf *envelope* gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta, u din ma rritornat xejn minnhom, u ghalhekk qed titlob il-hlas ghal din il-konsenja, li jammonta ghal elf seba' mija disgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€1,799.99c).

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta jikkontendu illi f'dak li jirrigwarda l-bilanc dovut fuq il-fattura bin-numru ta' referenza 18797, dan il-bilanc mhux dovut ghaliex kuntrarjament ghal dak li qed tallega s-socjeta' attrici, l-ammont ta' *envelopes* li gew ritornati lis-socjeta' attrici kien ta' erbgha u ghoxrin elf envelope, u mhux ghoxrin elf *envelope*; illi ghalhekk il-*credit note* li kellha tinhareg mis-socjeta' attrici kellha tkun ta' erba' mija erbgha u hamsin ewro u disgha u erbghin centezmu (€454.49c) u mhux ta' tliet mija u sittin ewro u erbatax-il centezmu (€360.14c) kif fil-fatt inharget mis-socjeta' attrici dwar l-*envelopes* li gew ritornati. Illi dawn l-*envelopes* ma gewx rimpjazzati mis-socjeta' attrici, u ghalhekk l-ammont rikjest b'referenza ghal din il-konsenja mhux dovut minnha.

Illi in rigward il-konsenja ta' mitt elf envelope li saret fit-23 ta' Marzu, 2009, ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta isostnu illi dawn l-*envelopes* kellhom karatteristici

differenti minn dawk ordnati mis-socjeta' konvenuta, in kwantu dawk ordnati mis-socjeta' konvenuta kellhom il-flaps tal-genb ta' wara tal-*envelope* jghalqu fuq barra, mentri dawk ikkonsenjati mis-socjeta' attrici kellhom il-flaps jghalqu fuq gewwa. Illi skond ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, ir-raguni li nghatat lilhom mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ghalfejn saret din il-konsenja ta' dawn l-*envelopes* diversi minn dawk ordnati, kienet 'l ghaliex il-konsenja tal-*envelopes* skond l-ispecifications rikjesti mis-socjeta' konvenuta kienet ittardjat biex tasal minn barra minn Malta, u ghalhekk ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici offrilhom dawn l-envelopes bhala alternattiva sabiex ikollhom biex jahdmu. Illi skond ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien qed jghamel pressjoni fuq il-Bank konvenut sabiex jaccetta dawn l-*envelopes* b'dan il-*format* invece che dawk ordnati minnhom solitament, ghaliex kien ser ikun aktar konvenjenti ghas-socjeta' attrici li tordna u tikkonsenja dawn l-*envelopes*.

Illi ghalkemm dawn l-*envelopes* kkonsenjati f'din l-okkazjoni ma gewx irritornati lis-socjeta' attrici, u gew utilizzati mis-socjeta' konvenuta, dawn ma kienux addattati ghall-makkinarju li kien jintuza mis-socjeta' konvenuta sabiex jintbaghtu dawn l-*envelopes* lill-klijenti, u ghalhekk ma ridux illi jigu ordnati *envelopes* f'din il-forma. Illi ghalkemm dawn l-*envelopes* ma gewx ritornati mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, madanakollu s-socjeta' konvenuta tikkontendi li m'ghandhix twettaq il-hlas ghalihom ghaliex skond *email* li ntbaghtet mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, datata 27 ta' Marzu, 2009, tali konsenja ta' envelopes kienet qedha ssir *"...free of any charges for testing on your automailing machines"*.

Illi eventwalment, u minhabba l-fatt illi l-envelopes li kienu qed jigu kkonsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ma kienux qed ikunu kompatibbli mal-*automailing machines* li kienu qed jintuzaw mis-socjeta' konvenuta, allura s-socjeta' konvenuta – in segwitu ghal laqgha li nzammet bejn rapprezentant tas-socjeta' attrici, ufficjali impjegati fi hdan is-socjeta' konvenuta u

technician impjegat fi hdan is-socjeta' *SG Solutions Limited*, li kienet tforni l-*automailing machines* in kwistjoni – ma baqghetx tuza s-servizzi u l-prodott li kienet tforni s-socjeta' attrici, u bdiet tixtri l-envelopes minghand socjeta' kummercjali ohra. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara wkoll illi l-fattura relattiva ghal din il-konsenja inharget qrib sena wara li saret il-konsenja, u dan bhala ritaljazzjoni ghall-fatt illi s-socjeta' konvenuta ma baqatx tixtri l-*envelopes* minghand is-socjeta' attrici.

Ikkunsidra,

Illi fl-ewwel lok jehtieg illi tigi ttrattata l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, li qed tghamel referenza ghall-provvedimenti tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-23 ta' Settembru, 2011, u ma jidhirx illi gie pprezentat ebda att gudizzjarju iehor qabel l-avviz tat-talba.

Illi l-bilanc li qed jintalab il-hlas dwaru, relattiv ghall-fattura bin-numru 18797, jittratta dwar konsenja ta' *envelopes* li saret fit-23 ta' Novembru, 2009 (a fol.18) u li nharget il-fattura dwarhom fl-24 ta' Novembru 2009 (a fol.19). Illi dwar il-fattura bin-numru 19547, jirrizulta mill-atti illi dawn l-envelopes gew ikkonsenjati lis-socjeta' konvenuta fit-23 ta' Marzu 2009 (a fol.21), filwaqt illi l-fattura hija datata 25 ta' Marzu, 2010 (a fol.23).

Illi ghalkemm jidher illi huwa minnu illi t-terminu preskrittiv ta' tmintax (18)-il xahar indikat f'dan il-provvediment tal-Ligi jidher li skorra bejn meta saru dawn iz-zewg konsenji – mertu ta' din il-kawza – u meta giet proposta din l-azzjoni, madanakollu, jehtieg illi jigi stabbilit jekk l-artikolu tal-Ligi indikat mis-socjeta' konvenuta huwiex, in effetti, applikabbli ghat-tip ta' transazzjonijiet u relazzjoni kummercjali li kienu jezistu u kien jsehhu b'mod regolari bejn il-partijiet kontendenti. Illi l-provvediment tal-Ligi indikat mis-socjeta' konvenuta huwa applikabbli ghal "...*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugh bl-imnut*".

Illi l-kliem operattiv f'dan is-subinciz tal-Ligi huma l-kliem "*mibjugh bl-imnut".* Illi apparti l-fatt illi l-partijiet kontendenti huma t-tnejn socjetajiet kummercjali li jwettqu forma ta' negozju u jipprestaw servizzi bi qliegh, irrizulta wkoll illi l-ordnijiet li kienet tghamel is-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici kienet tkun ta' miljun *envelope* fis-sena, li mbaghad kienu jigu kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta gradwalment fuq medda ta' sena, b'kull konsenja kienet tkun ta' madwar mitt elf *envelope* kull darba. Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-umli fehma illi tali bejgh ta' *envelopes* mis-socjeta' attrici lis-socjeta' ma kienx qed isir bl-imnut, izda bl-ingrossa. Illi ghalkemm huwa minnu illi s-socjeta' konvenuta ma kienitx terga' tbiegh dawn l-*envelopes*, u ghalhekk possibilment jista' jitqajjem l-argument illi s-socjeta' konvenuta ma kienitx qed tiddisponi minnhom bi qliegh allura tali xiri kien qed isir minnha ghaliha stess u ghalhekk kellu jigi meqjus bhala bl-imnut, madanakollu, u tenut kont tal-fatt illi s-socjeta' konvenuta hija wkoll socjeta' kummercjali, l-infieq li jsir minnha minhabba x-xiri ta' din il-merkanzija minghand is-socjeta' attrici ikun qed jigi rekuperat – b'mod indirett – minghand il-klijenti taghha stess. Illi ghalhekk, u minhabba t-tip ta' relazzjoni kummercjali li kienet tezisti bejn il-partijiet kontendenti, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-provvediment tal-Ligi dwar preskrizzjoni indikat mis-socjeta' konvenuta, mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi dwar it-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont indikat, li huwa kompost minn zewg ammonti rizultanti minn zewg fatturi separati, jehtieg illi dawn jigu kkunsidrati separatament.

Illi f'dak li jirrigwarda l-bilanc ta' erbgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€94.65c) bilanc relattiv ghall-fattura bin-numru 18797, irrizulta illi dan l-ammont

jirraprezenta l-prezz ta’ erbat elef *envelope* li s-socjeta’ attrici tikkontendi li ma gewx ritornati lilha, u li nzammew u gew uzati mis-socjeta’ konvenuta, u li ghalhekk hija tenuta li thallas ghalihom. Illi l-partijiet qeghdin jaqblu illi kien hemm *envelopes* minn din il-konsenja tal-24 ta’ Novembru, 2009 li gew ritornati mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici, tant illi anke nharget *credit note* in rigward, izda l-partijiet mhux qed jaqblu fuq l-ammont ta’ *envelopes* illi gew ritornati. Illi s-socjeta’ attrici ssostni illi gew ritornati ghoxrin elf *envelope*, u dan ghaliex gew ritornati erbghin-(40) kaxxa ta’ hames mitt *envelope*, filwaqt illi s-socjeta’ konvenut tikkontendi illi rritornat erbgha u ghoxrin elf *envelope*.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi bghat lavrant tieghu sabiex jigbor dawn l-envelopes minghand is-socjeta’ konvenuta, u xehed ukoll illi ma tigi ffirmata ebda ricevuta dwar l-ammont ta’ kaxxi bl-*envelopes* li qed jigu ritornati, u imbaghad tinhareg *credit note* minnhom in bazi tal-kwantita’ ta’ merkanzija li tigi ritornata lilhom.

Illi skond e-mail datata 29 ta’ Ottubru, 2009 (a fol.41) mibghuta minn Marlene D’Amato ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta sar referenza ghar-ritorn ta’ madwar hmistax sa ghoxrin elf envelope, filwaqt illi fl-e mail datata 16 ta’ Novembru, mibghuta mill-istess Ms D’Amato (a fol.40), saret referenza ghal erbgha u ghoxrin elf envelope li kienu qed jigu ritornati. Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi d-dati f’dawn l-e mails ma jaqblux mal-konsenja in kwistjoni, stante illi jidher illi l-konsenja saret fl-24 ta’ Novembru, 2009, u ghalhekk dawn iz-zewg *emails* jipprecedu tali konsenja. Illi ghalhekk mhuwiex car jekk dawn l-e mails jittrattawx dwar *envelopes* ohra li gew irritornati, jew jekk humhiex relattivi ghal din il-konsenja. Illi ghalhekk, dawn l-e mails ma tantx huma ta’ utilita’ sabiex jitfghu dawl fuq din il-kwistjoni, kemm f’dak li jirrigwarda l-ammonti ta’ *envelopes* li gew ritornati, ghaliex fl-ewwel e-mail l-ammont huwa approssimattiv, u anke jekk jittratawx dwar din il-konsenja specifika.

Illi ghalhekk, u fin-nuqqas ta’ provi aktar konvincenti da parti tas-socjeta’ konvenuta illi dan l-ammont mhux dovut

ghaliex gew ritornati minnhom erbgha u ghoxrin elf *envelope*, u mhux ghoxrin elf *envelope* kif qedha ssostni l-istess socjeta' konvenuta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tad-differenza, ammontanti ghal erbgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€ 94.65) hija gustifikata, u timmerita li tigi akkolta.

Illi f'dak li jirrigwarda l-bilanc, u cioe' l-ammont ta' elf seba' mija disgha u disghin ewro u disgha u disghin centezmu (€1,799.99) rizultanti minn fattura numru 19547 datata 25 ta' Marzu, 2010, irrizulta illi din il-konsenja mis-socjeta' attrici kienet ta' *envelopes* li ma kienux konformi mal-ispecifications rikjesti mis-socjeta' konvenuta. Illi dan huwa dikjarat mis-socjeta' attrici stess permezz ta' zewg e-*mails* datati 27 ta' Marzu 2009 u 20 ta' April, 2009 (a fol. 22). Illi f'dak li jirrigwarda din il-konsenja, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici f'dawn l-e mails iddikjara kif gej: "...*these envelopes will be given to Bank of Valletta Ltd. free of any charges for testing on your automailing machines*." Illi jekk wiehed jaqra din is-sentenza in izolament, minghajr ma jittiehed in konsiderazzjoni x'hemm imnizzel aktar 'l isfel f'din l-istess e-mail, kien seta' ireggi l-argument imressaq mill-abbli difensur tas-socjeta' attrici, illi tali konsenja kienet qedha ssir hielsa minn *charges* u li kien dovut biss il-prezz *wholesale*, minghajr ma jigi mghadud xi commission jew qliegh spettanti lis-socjeta' attrici. Madanakollu, f'din l-istess *email* ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici imbaghad kompla sabiex iddikjara kif gej: "...*As part of this project Cartiere Paolo Pigna S.p.A. <u>and MTA Co. Ltd.</u>*[1] *agreed to give you <u>for free</u>*[2] *the delivered quantity (delivery note no. 1139)."* Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk l-ewwel sentenza li giet ikkwotata setghet holqot xi dubbju dwar dak li kienet qed tipproponi s-socjeta' attrici, permezz tat-tieni sentenza li giet ikkwotata, ma thalli ebda dubju illi fiz-zmien meta s-socjeta' attrici wettqet il-konsenja ta' dawn l-envelopes lis-socjeta' konvenuta, ma kienet qed titlob ebda hlas ghalihom, ghaliex kellhom jintuzaw bhala prova

[1] Sottolinear tat-Tribunal
[2] Sottolinear tat-Tribunal

ta’ kompatibilita’ mal-*automailing machines* li kienet tuza s-socjeta’ konvenuta.

Illi l-fatt li seta’ kien hemm xi ripensament da parti tas-socjeta’ attrici dwar din l-offerta konsegwenza tal-fatt illi s-socjeta’ konvenuta – xi zmien wara – waqqfet ir-relazzjoni kummercjali taghha mas-socjeta’ attrici, ma hix raguni valida u gustifikata sabiex jintalab il-hlas ta’ merkanzija li l-kreditur stess kien iddikjara li qed tigi kkonsenjata minghajr pretensjoni ghall-hlas taghha. Illi f’dan ir-rigward huwa rilevanti l-fatt illi s-socjeta’ attrici harget il-fattura b’talba ghal hlas ghal din il-konsenja sena u jumejn wara li saret il-konsenja, kuntrarjament ghal konsenji ohra, li skond kif iddikjara l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici, l-fattura ghalihom kienet tohrog ftit tal-jiem jew gimghat wara. Illi f’dan il-kaz huwa evidenti illi wara li giet terminata r-relazzjoni ta’ negozju bejn il-partijiet - u dan irrizulta li kien lejn l-ahhar tal-2009 jew bidu tal-2010 - is-socjeta’ attrici deherilha illi allura dak il-ftehim li kellha fejn wettqet il-konsenja ta’ dik il-merkanzija minghajr ma ntalab hlas ghaliha, ma kellux jibqa’ jghodd, u ghalhekk bghatet il-fattura li permezz taghha kien qed jigu mitlub il-hlas ghal dik il-konsenja ta’ *envelopes*.
Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba kienet saret tali stqarrija mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici fiz-zmien meta saret tali konsenja, u mill-atti ma jirrizultax illi in segwitu ghal tali dikjarazzjoni kien hemm xi tibdil bejn il-partijiet fil-ftehim dwar dak li jirrigwarda l-hlas, o meno, ghal tali konsenja, allura t-talba ghall-hlas permezz ta’ din l-azzjoni mis-socjeta’ attrici ghal din il-konsenja, m’ghandhix tigi akkolta u ghalhekk qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta, jilqa’ biss *in parte* t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€ 94.65c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------